REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 706/2013

tat-23 ta' Lulju 2013

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni li torbot dwar it-tariffa u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni li torbot dwar it-tariffa, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Unità ta' kontroll li tikkonsisti f'montatura ta' ċirkwiti stampati li fiha ċirkwiti integrati (pereżempju, kontrollur miksub permezz tat-teknoloġija tas-semikundutturi), elementi passivi (pereżempju, reżisters, kapasiters u indutturi), elementi attivi (pereżempju dijodi u tranżisturi) u sink tas-sħana għal vultaġġ li ma jaqbiżx l-1 000 V, f'qafas b'dimensjoni ta' madwar 24 × 13 × 5 ċm. Wara li jitwaħħal is-software xieraq, l-unità tal-kontroll hi inkorporata f'magna tal-ħasil li l-funzjonijiet tagħha hija maħsuba li tikkontrolla (pereżempju, l-istartjar u t-twaqqif tal-mutur u sistema tat-tisħin tal-ilma, il-ftuħ u l-għeluq tal-valvoli tal-ilma).	8537 10 91	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 2(a) tat-Taqsima XVI u tat-test tal-kodiċijiet tan-NM 8537, 8537 10 u 8537 10 91. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8450 bħala parti minn magna tal-ħasil hija esklużа minħabba li l-unità hija prodott inkluż f'intestatura tal-Kapitlu 85. Billi l-unità tikkonsisti f'montatura ta' ċirkwiti stampati ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għaċ-ċirkwiti integrati elettroniċi stabbiliti fin-Nota 8(b) tal-Kapitlu 85. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8542 għalhekk hija esklużа wkoll. Peress li l-unità hija programmabbli u tintuża għall-kontroll elettriku tal-funzjonijiet ta' magna tal-ħasil, għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi NM 8537 10 91 bħala kontrolluri tal-memorja li jistgħu jkunu pprogrammati għal vultaġġ mhux ogħla minn 1 000 V.